32006R1128

L 201/6 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA 25.7.2006

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1128/2006

## tal-24 ta' Lulju 2006

## dwar l-istadju tal-kummerċjalizzazzjoni li għalih jirreferi l-prezz medju tal-karkassi tal-majjal

## (Verżjoni kkodifikata)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2759/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam tal-majjal[1], u b'mod partikulari l-Artikolu 4(6) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3537/89 tas-27 ta' Novembru 1989 dwar l-istadju kummerċjali li għalih jirreferi l-prezz medju tal-karkassi tal-majjal[2] kien emendat b'mod sostanzjali[3]. Għal iktar ċarezza u razzjonalità, ir-Regolament imsemmi għandu jiġi kkodifikat.

(2) Għal kull pajjiż, is-swieq rappreżentattivi jinkludu s-swieq kollha mniżżlin fl-Anness I għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 908/2006[4].

(3) Skont ir-Regolament (KEE) Nru 2759/75, għandu jiġi stabbilit il-prezz medju ppeżat għall-karkassi tal-majjal fis-swieq rappreżentattivi tal-Komunità sabiex issir stima ta' jekk il-qagħda tas-suq tkunx teħtieġ miżuri ta' intervent jew le.

(4) Sabiex ikun jista' jiġi stabbilit dan it-tip ta' prezz medju għall-karkassi tal-majjal, għandhom ikunu disponibbli prezzijiet Komunitarji li jistgħu jitqabblu. Għal dan il-għan, għandha tintuża kwalità waħda tal-karkassi tal-majjal li tkun tikkorrispondi mal-kwalità standard imsemmija fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KEE) Nru 2759/75,

[1] ĠU L 282, 1.11.1975 p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1913/2005 (ĠU L 307, 25.11.2005, p. 2).
[2] ĠU L 347, 28.11.1989, p. 20. Ir-Regolament kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 1572/95 (ĠU L 150, 1.7.1995, p. 52).
[3] Ara l-Anness I.
[4] ĠU L 168, 21.6.2006, p. 11.

flimkien ma' stadju tal-kummerċjalizzazzjoni li jkun iddefinit b'mod ċar. Minħabba li l-karkassi tal-majjal ġeneralment ikunu kkummerċjalizzati waqt l-istadju tal-biċċerija, dak l-istadju għandu jkun dak li jiġi adottat.

(5) Il-kwotazzjonijiet għall-karkassi tal-majjal għandhom jiġu stabbiliti mal-Komunità kollha billi tintuża l-iskala tal-Komunità għall-klassifika tal-karkassi tal-majjal kif stabbilita fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3220/84[5], u r-regoli ddettaljati għall-applikazzjoni kif stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2967/85[6].

(6) Għandu jiġi adottat Regolament li jgħaqqad ir-regoli kollha dwar l-istadju tal-kummerċjalizazzjoni li għalih jirreferi l-prezz medju tal-karkassi tal-majjal.

(7) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-laħam tal-majjal,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Il-prezz tas-suq tal-Komunità għall-karkassi tal-majjal imsemmi fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2759/75 għandu jiġi stabbilit abbażi tal-prezzijiet waqt id-dħul fil-biċċerija, minbarra t-taxxa fuq il-valur miżjud imħallsa lill-fornituri tal-majjali ħajjin.

2. Il-prezzijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu l-valur tal-ġewwieni u l-fdalijiet tal-annimali mhux ipproċessati u għandu jkun ikkwotat għal kull 100 kilogramm ta' karkassi kiesħa tal-majjal:

– ippreżentati skont il-preżentazzjoni ta' referenza stabbilita fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KEE) Nru 3220/84,

kif ukoll

– miżuna u kklassifikati fuq il-ganċ tal-biċċerija, bil-piż irreġistrat ikun maqlub f'piż tal-karkassi kiesħa skont il-metodi stabbiliti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 2967/85.

*Artikolu 2*

1. Il-prezz tas-suq għall-karkassi tal-majjal fi Stat Membru għandu jkun daqs il-medja tal-kwotazzjonijiet għall-karkassi tal-majjal irreġistrata fis-swieq jew fiċ-ċentri tal-kwotazzjoni ta' dak l-Istat Membru mniżżlin fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 908/2006.

2. Il-prezz imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi stabbilit billi jintużaw il-kwotazzjonijiet irreġistrati għall-karkassi li jiżnu:

---

[5] ĠU L 301, 20.11.1984, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 3513/93 (ĠU L 320, 22.12.1993, p. 5).
[6] ĠU L 285, 25.10.1985, p. 39. Ir-Regolament kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 3127/94 (ĠU L 330, 21.12.1994, p. 43).

– 60 sa anqas minn 120 kilogramm tal-grad E,

– 120 sa anqas minn 180 kilogramm tal-grad R.

L-għażla tal-kategoriji tal-piż u ta' kwalunkwe użin tagħhom għandu jitħalla f'idejn l-Istat Membru kkonċernat; dan tal-aħħar għandu jinforma lill-Kummissjoni dwarhom.

*Artikolu 3*

Ir-Regolament (KEE) Nru 3537/89 għandu jitħassar.

Referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta’ korrelazzjoni mogħtija fl-Anness II.

*Artikolu 4*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 24 ta’ Lulju 2006.

*Ghall-Kummissjoni*
*Il-President*
*José Manuel BARROSO*

## ANNESS I

| Ir-Regolament l-imħassar flimkien mal-emenda tiegħu | |
|---|---|
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3537/89 | (ĠU L 347, 28.11.1989, p. 20) |
| Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1572/95 | (ĠU L 150, 1.7.1995, p. 52) |

**L_2006201EN.01000802.rtf**

# ANNESS II

| TABELLA TA' KORRELAZZJONI | |
|---|---|
| Ir-Regolament (KEE) Nru 3537/89 | Dan ir-Regolament |
| L-Artikolu 1 | L-Artikolu 1 |
| L-Artikolu 2 | L-Artikolu 2 |
| L-Artikolu 3 | — |
| — | L-Artikolu 3 |
| L-Artikolu 4 | L-Artikolu 4 |
| — | L-Anness I |
| — | L-Anness II |